# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tad-90 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 23 ta'Novembru 2010 fil-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Kunsillier P. Fenech kien infurmah permezz ta' email li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba appuntament personali li ma setghax jitlef. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 89**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Devoluzzjoni Xelter:*** Is-Sindku nforma li l-bierah, haddiema tad-Distretti kienu nehhew it-tarmak minn fuq il-bokka tax-xelter u kien anke gie l-haddied fuq il-post sabiex jara kif jista isir il-bieb. Il-Kunsillier A. Muscat ipprezenta disinn ta' kif fil-fehma tieghu dan ghandu jsir u kien hemm qbil li dan jigi spjegat lill-haddied u l-*foreman* tad-Distretti sabiex naraw huwiex possibbli li jsir skond id-disinn. Gie unanimament approvat li malli jkun hemm qbil dwar id-disinn, il-Kunsill ghandu jixtri l-materjal mehtieg u l-bieb jinhaddem mid-Dipt. tad-Distretti.

**3.2** ***Para 3.2 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-ewwel pagament ta' €780 u ghalhekk gie deciz li ghandna nkomplu nsegwu l-pagamenti l-ohra.

**3.3** ***Para 3.4 – Bring-In Site :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien kiteb lil Wasteserv sabiex jinfurmhom li l-Kunsill kien approva d-disinn kif ipprezentat u ghalhekk huma jistghu japplikaw formalment mal-MEPA.

**3.4** ***Para 3.5 – Kuntratti tal-Knis u Skart Goff/Offerti:*** Is-Sindku nforma li l-kuntratt mad-Dimbros kien gie iffirmat u li s-servizz ser jibda jinghata kull nhar ta' Tnejn.

Rigward it-toroq gie spjegat li s-Segretarjat fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien infurmana li kull xoghol ta' bdil ta' *mains* ghandu jsir mill-WSC a spejjez taghha. Gie deciz li ghandu jsir programm ta' xoghol ghat-toroq li fadal.

Wara li gie spjegat il-kont dwar Triq Ghaxqet l-Ghajn (Partijiet 1, 2 u 3) gie unanimament approvat li l-Kunsill ghandu jhallas 40% ta' € 131,787.88 lil-kuntrattur skond il-ftehim tal-PPP u ninfurmaw lid-Dipt. tal-Gvern Lokali biz-zieda fl-ispiza ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn (Partijiet 1, 2 & 3). Gie deciz ukoll li inkomplu nsegwu t-twahhil tat-tabelli tat-traffiku u s-sinjali.

Is-Sindku ipprezenta wkoll l-istimi aggornati li saru mill-Perit tal-Kunsill u gie unanimament deciz li ghalissa inkomplu nimxu skond il-pjanijiet originali u niddeciedu skond il-htiega aktar il-quddiem.

L-Agent S.E. informa li kien gie infurmat verbalment li TM kienet approvat li jsiru 143 metru ta' *crash barrier* fin-nizla ta' Ghar San Brinkat, liema xoghol kien ser isir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

3.5 ***Para 3.6 – Xoghol Latrina Pubblika:*** L-Agent S.E. informa li l-*frames* mal-mirja kienu wehlu u l-kuntrattur kien bghat il-kont finali. Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jikkonferma l-kont kif ukoll li japplika l-penali skond kif kien deciz mill-Kunsill ghad-dewmien fit-tlestija tax-xoghol. Ir-rakkomandazzjoni ta' l-Agent S.E. ghandha tigi ipprezentata lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss wara konsultazzjoni mal-Kunsillier M. Mifsud u laqgha mal-kuntrattur.

3.6 ***Para 3.7 – Gnien tal-Ponta:*** L-Agent S.E. informa li nhar il-Gimgha kien ser ikollu laqgha dwar is-suggett mal-Perit Chris Grech u d-*designer* Janice Zahra sabiex tigi ppreparata r-risposta lill-MEPA.

3.7 ***Para 3.9 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund:*** Is-Sindku nforma li mill-attivitajiet organizzati b'risq il-MCCF, kienet ingabret is-somma ta' €477.10. Dawn l-attivitajiet kienu ikkoordinati mill-Kunsillier A. Muscat.

3.8 ***Para 3.11 – Fondi UIF*:** L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-pagament ta' €6,118 ghall-bankijiet il-godda u issa kien jonqos il-pagament tal-fanali.

3.9 ***Para 3.12 – Tizjin Dawl Dekorattiv:*** Is-Sindku nforma li hafna mit-tizjin kien diga wehel. Gie unanimanent approvat il-hlas ta' €130 lill-Enemalta ghas-servizz tal-*meter* temporanju tad-dawl.

3.10 ***Para 3.14 – Bankini fi Triq Stiefnu Zerafa:*** L-Agent S.E. informa li l-haddiem tal-Kunsill kien ghamel id-devjazzjoni ghall-ilma kif approvat pero skond min kien ghamel l-ilment din ma saritx gholja bizzejjed u ghalhekk ser titkabbar.

3.11 ***Para 3.16 – Kotba ghal Librerija Lokali:*** L-Agent S.E. informa li konna gejna nfurmati li x-xoghol fuq il-kotba taghna kien ser jibda fil-granet li gejjin u ghalhekk konna ser niehdu l-kotba li konna xtrajna din is-sena sabiex jigu kategorizzati ukoll.

3.12 ***Para 3.17 – Tabella Latrina Pubblika:*** L-Agent S.E. informa li t-tabella kien giet ordnata kif approvat filwaqt li gie deciz li ghandhom jitpoggew zewg xtieli mal-

faccata tal-bini.

**3.13** ***Para 3.18 – Tilqim kontra l-Influenza:*** L-Agent S.E. informa li kien ser isir il-hlas ta' €60 lis-Sur Mark Pullicino ghas-servizz ta' tilqim. Dan gie unanimament approvat.

**3.14** ***Para 3.19 – Bejt Torri tas-Semaforu :*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol kien ser isir fil-granet li gejjin.

**3.15** ***Para 3.21 – Hitan Imgarrfa bil-Maltemp:*** Is-Sindku nforma li x-xoghol kien beda u li l-hlas tal-*excavator* kien ser ikun ta' €22 is-siegha filwaqt li aktarx li ser nigu wkoll bzonn ta' *high-up*. Dan kollu gie unanimament approvat.

Rigward il-bini tal-hajt fi Triq il-Gnien vicin il-pont ta' Wied id-Dis hu qal li x-xoghol ser isir mill-Gvern wara li ssir sejha ghall-offerti.

**3.16** ***Para 5.1 – Bozza mghottija bis-Sigar:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew li mmorru fuq il-post mal-kuntrattur sabiex insibu soluzzjoni ghal din il-problema.

**3.17** ***Para 5.3 – Vetturi fuq il-Bankina / Bini ta' Hajt Imgarraf :*** L-Agent S.E. informa li l-Gwardjani Lokali kienu qeghdin jaghmlu sorveljanza fuq il-post.

Rigward il-hajt imgarraf dan kien ittella mis-sid pero tabella li kien hemm ma l-istess hajt ma kienitx instabet. Gie unanimament deciz li nkellmu lis-sid sabiex tindikalna ezatt fejn tqeghded din it-tabella.

**3.18** ***Para 5.4 – Hmieg tal-Hamiem :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lis-sid tal-hamien u dan kien qal li kien qed jipprova jsib soluzzjoni ghal din il-problema. Gie unanimament deciz li ghandna nitolbu lis-sid sabiex jiehu hsieb inaddaf dawn il-bankijiet sakemm tinstab soluzzjoni filwaqt li ghandna nkellmu lil-Pulzija / Sanita' halli naraw jekk hemmx ligijiet jirrigwardjaw il-hmieg mill-hamiem.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:55 pm***

**3.19** ***Para 5.6 – Xiri ta' bins :*** L-Agent S.E. informa li l-*bins* kienu ser jinxtraw fil-granet li gejjin.

**3.20** ***Para 5.8 – Vetturi fi Triq San Gwann :*** Wara diskussjoni gie unanimament deciz li wara li din il-parti tat-triq tinkesa bit-*tarmac* ghandu jsir *Double Yellow Line* fuq in-naha tax-xellug int u hiereg mir-rahal fejn prezentament ikun hemm vettura ipparkjata sabiex jigi eliminat il-periklu.

**3.21** ***Para 7.1 – Lift :*** L-Agent S.E. informa li l-*inspection* tal-*lift* kienet ser isir din il-gimgha.

**3.22** ***Para 7.3 – Attivita' Milied Ghar San Brinkat :*** Il-Vici Sindku nforma li sa issa kien ikkonferma l-presenza tal-Kappillan kif ukoll tal-kor tat-tfal. Gie unaniment deciz li fil-granet li gejjin issir laqgha dwar dan is-suggett mal-Kunsillier M. Mifsud u l-Agent S.E. halli jithejja l-programm finali filwaqt li t-trasport mill-Ghar lejn ir-rahal

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

fi tmiem l-attivita' ghandu jkun bi hlas skond id-direzzjoni miksuba mid-Dipt. tal-Gvern Lokali.

**3.23** ***Para 7.5 – Progett Embellishment MTA :*** L-Agent S.E. informa li kien gie infurmat mill-MTA li l-implimentazzjoni ta' dan il-progett kienet ghadha fil-hsieb tal-MTA pero l-ewwel kienu jridu jinkisbu l-permessi necessarji mill-MEPA.

**3.24** ***Para 7.4 – Tiswija Komputer :*** L-Agent S.E. informa li l-i*scannner* kien inxtara filwaqt li ser tingieb stima sabiex jissewwa l-kompjuter.

**3.25** ***Para 7.8 – Restawr Pittura :*** Is-Sindku nforma li kien jinsab infurmat li r-restawr tal-pittura kien tlesta u li l-Kappillan kien iddecieda li din tehel fis-sagristija in-naha ta' San Bert. Gie unanimament deciz li ghandha ssir insistenza mar-restawratur sabiex sa laqgha ohra, l-pittura tkun wehlet fil-post filwaqt li l-Kunsill ikun inghata d-dokumentazzjoni kollha skond il-kuntratt. Gie deciz ukoll li aktar il-quddiem jigi deciz dwar il-plakka li ser titwahhal hdejn il-pitturi kif ukoll dwar l-attivita' ta' l-inawgurazzjoni.

**3.26** ***Para 7.9 – Trasport Girja mal-President :*** L-Agent S.E. informa li wara li kien talab direzzjoni mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar jekk kienx possibbli li l-Kunsill jorganizza trasport ghal din l-attivita' kien gie nfurmat bil-miktub li dan jista jsir sakemm ikun bi hlas. Fic-cirkustanzi gie unanimament deciz li dan ma jsirx peress li mhux ser ikun hemm l-ebda incentiv ghar-residenti.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll il-hlas ta' € 190 lill-Jason Gatt ghas-servizz ta' *high-up* kif ukoll il-hlas ta' € 42.01 lil Galea Mini Market.

**4.2** Gew approvati unanimament ukoll il-hlasijiet li saru mill-*Petty Cash* matul Settembru u Ottubru 2010. Listi kienu ntbghatu mal-Agenda.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilment minn resident dwar *membrane* li kien tpogga fuq hajt tas-sejjieh fi Triq Santa Katerina u li qed ikerrah l-ambjent.

Gie unanimament deciz li dan l-ilment ghandu jigi riferut lill-MEPA.

**5.2** Sid ta' hanut kien ilmenta li Pulizija kienu hargu numru ta' citazzjonijiet lil persuni li kienu qed jixtru mill-istabbiliment tieghu peress li kienu ipparkjati illegalment. Is-sid kien allega ukoll li l-Pulizija li mar fuq il-post kien qal lill-persuni li kienu fuq il-post li hu kien intbghat hemm mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma li dan l-ilment kien tressaq lill-iSpettur tad-Distrett li min-naha tieghu kien ikkonferma li l-Pulizija kien intbghat fuq struzzjonijiet tieghu personali u

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

li dan kien qed jinforza l-ligi kif suppost. Gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar.

**5.3** Ilment minn resident dwar numru ta' trakkijiet tal-gebel li kienu qed jghaddu mill-Pjazza minflok jghaddu minn Triq Caravaggio kif suppost.

L-Agent S.E. intalab sabiex jikkuntattja lill-kumpanija responsabbli mix-xoghlijiet sabiex it-trakkijiet ma jibqghux jghaddu mill-Pjazza.

**5.4** Ilmenti minn residenti dwar bank li twahhal mill-Kunsill fuq il-bankina fi Triq Stiefnu Zerafa.

Wara li l-Kunsill ikkunsidra l-fatt li kienu diga dahlu ilmenti ohra simili gie unanimament deciz li dan il-bank jitnehha. L-Agent S.E. intalab sabiex jinforma lir-residenta li kienet originarjament talbet il-bank bid-decizjoni tal-Kunsill qabel dan jitnehha.

**5.5** Talba sabiex issir *Parking Bay* quddiem residenza fi Triq Caravaggio peress li skond ir-residenta hemm bizzejjed spazju bejn il-garaxxijiet li quddiemhom huwa ipprojbit li jsir ipparkjar ta' vetturi.

L-Agent S.E. informa li minn spezzjoni li saret fuq il-post jidher li ma hemmx post fejn toqghod vettura bejn il-garaxxijiet izda jekk xi wiehed mill-garaxxijiet jappartjeni ghar-residenta li ghamlet it-talba, din tista facilment tipparkja l-vettura taghha minn quddiem il-bieb tad-dar ghal quddiem il-garaxx. Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jispjega dan lir-residentiali ghamlet l-ilment.

**5.6** Talba ghal tabella *Cul-de-Sac* fil-bidu ta' Sqaq Charlotte.

Peress li gie nnotat li fil-passat kien hemm tabella ta' dan it-tip fil-post indikat, gie deciz li ghandna nkellmu lil min xtara l-propjeta li maghha kienet imwahhla din it-tabella sabiex naraw ghaliex tnehhiet. Jekk jirrizulta li din ma tnehhitx mis-sid il-propjeta'ghandna inwahhlu tabella gdida.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandna niktbu dwar ir-restrizzjoni fl-gholi tal-bini tal-applikazzjoni PA3958/10.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali Re. Memo 118/10 – Inizjattiva Ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 Sena Hidma tal-Vodafone fejn gejna nfurmati li l-applikazzjoni taghna mhix wahda minn dawk maghzula.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar donazzjonijiet.

Din il-korrispondenza giet innotata u fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jixtri l-apparat sportiv u dan jigi misluf lill-iskola primarja. Dan

ghandu jigi annotat fuq il-*Fixed Assets Register* tal-Kunsill.

**6.4** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar Assikurazzjoni tal-Flus.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill ma jippartecipax f'din il-polza.

**6.5** Korrispondenza minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c. fejn gejna nfurmati li l-bank ma kienx qed jilqa t-talba taghna sabiex tigi nstallata ATM fir-rahal.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Korrispondenza mill-Parrocca fejn saret stedina lil Kunsill sabiex jattendi ghall-Quddiesa ta' Radd il-Hajr fl-okkazjoni tal-25 sena minn meta s-Sagristan beda l-hidma tieghu fil-Parrocca.

Din il-korrispondenza giet innotata. Is-Sindku informa li hu ma setax jattendi peress li ser ikun xoghol.

**6.7** Korrispondenza minghand Green MT fejn il-Kunsill ircieva s-somma ta' €780 bhala hlas skond il-ftehim ma' l-istess Green MT li jkopri l-ewwel 26 gimgha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Korrispondenza minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn intalbet laqgha mal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku spjega li din il-laqgha kienet saret iktar kmieni llum fejn hu flimkien ma' l-Agent S.E. kien attenda u kien gie spjegat lilhom xi inizjattivi li l-Awtorita' kien behsieba tiehu fil-postijiet fejn hemm Oqsma tad-Djar tal-Gvern (*flats*). Is-Sindku spjega li dawn l-iskemi japplikaw l-iktar ghal postijiet fejn hemm hafna bini tal-Gvern u li r-rahal lanqas ser ikun inkluz fl-ewwel sena tal-inizjattivi.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet li konna rcivejna ghax-xiri u twahhil ta' *traffic humps* li rrizultaw hekk :

Andrew Vassallo Ltd. : € 126 il metru

UniKing Intl. : € 105,10 il-metru

Joshua Ohayon : € 195 il-metru

Gie unaniment deciz li tinghazel il-kwotazzjoni ta' UniKing Intl. peress li din kienet l-iktar wahda vantaggjuza.

**7.2** Is-Sindku nforma li Jum il-Premjazzjoni ta' l-iSkola Primarja kien ser isir fis-16 ta' Dicembru 2010. Gie unanimament deciz li bhas-snin l-imghoddija, l-Kunsill joffri ktieb tal-valur ta' mhux aktar minn €25 lir-rebbieh tal-Premju tal-Kunsill.

**7.3** Is-Sindku nforma li fl-ahhar laqgha tal-KKT huwa kien inghata cekk ta' € 1,505 bhala s-sehem taghna mis-sistema tal-Gwardjani Lokali.

**7.4** L-Agent S.E. ipprezenta l-istatistika tal-gbir ta' skart imhallat u skart riciklat sa Ottubru 2010 u gie nnotat li l-ammont ta' skart riciklat qed jonqos u mhux jizdied kif kien qed jigri fix-xhur ta' qabel. Gie unanimament deciz li nzidu l-avvizi lir-residenti sabiex jisseparaw aktar l-iskart.

**7.5** L-Agent S.E. ipprezenta l-*Management Accounts* ghal Ottubru 2010 u s-Sindku spjega li bhax-xhur precedenti, filwaqt li d-dhul tal-Kunsill kien aktar minn dak previst, il-hrug kien inqas minn dak ipprogettat u ghalhekk hemm bilanc favorevoli ghall-Kunsill.

**7.6** Is-Sindku ipprezenta l-ewwel *Draft* tal-*Budget* ghas-sena 2011 u informa li minhabba l-ispiza involuta fil-kisi ta' toroq bit-tarmak taht l-iskema tal-PPP hi sostanzjali, jidher car li l-2011 ser tkun sena difficli ghall-Kunsill u ser jkun hemm bzonn li jsir kontroll shih fuq id-dhul u l-infiq tal-Kunsill. Sabiex jigi evitat *deficit* f'din is-sena irid isir *management* bil-ghaqal tal-*cashflow* u b'mod partikulari hu importanti li l-pagamenti dovuti lill-kuntrattur jigu *phased* b'tali mod li l-Kunsill kontinwament ikollu r-rizorsi mehtiega halli jkun jista jkompli jopera.

Gie unanimament deciz li dan il-*budget* jigi studjat mill-Kunsillieri u li jigi ikkunsidrat aktar fid-dettal fil-gimghat li gejjin. Sadanittant l-Agent S.E. ghandu jibda l-preparamenti halli issir il-Laqgha tal-Lokalita'.

**7.7** Gie unanimament deciz li t-tqassim tal-harga tal-fuljett li ghandha tkun lesta fil-bidu tax-xahar id-diehel isir mis-Sur Joe Bugeja.

**7.8** Gie unanimament deciz li ghandu jinxtara *air freshner* bis-*sensor* ghal-latrina pubblika.

**7.9** Gie unanimament deciz li l-ikla tal-Milied ghall-membri tal-Kunsill u l-istaff issir il-Hamis 16 ta' Dicembru 2010. L-Agent S.E. ipprezenta l-istimi li hu kien gabar u gie unanimament deciz li din l-ikla issir il-Westin Dragonara.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2010 fil-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **14 ta' Dicembru 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |